MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 607/2011

**The Performing Right Society Limited ta` Londra, I-Ingilterra, kif rapprezentata lokalment mis-socjeta` agenti taghha Dingli Co. International Limited (C-7692)**

***kontra***

**Media Link Communications Limited (C-6170)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Gunju 2011 li jaqra hekk –

*Illi s-socjeta` esponenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata u dana fis-somma ta` wiehed u sittin elf, mija u tnejn u erbghin ewro u tnejn u tmenin centezmu*

*(€61,142.82), liema somma tirraprezenta ammont ta` royalties u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) fuq l-istess, kwantu ghal wiehed u hamsin elf, tmien mija u hmistax-il ewro u hames centezmi (€51,815.05) bhala royalties u kwantu ghal disat elef, tliet mija u sitta u ghoxrin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€9,326.87) bhala taxxa fuq il-valur mizjud, skond ir-Rendikont hawn anness u mmarkat bhala **<u>Dok. 'B'</u>**, liema royalties huma dovuti a tenur tal-kuntratt, ossia licenzja, hawn anness u mmarkat bhala **<u>Dok. 'C'</u>**, permezz ta` liema kuntratt is-socjeta` intimata giet awtorizzata mis-socjeta` rikorrenti sabiex ixxandar xogholijiet muzikali tutelati bid-drittijiet tal-awtur vestiti fl-istess socjeta` rikorrenti sew permezz ta` Radio 101 kif ukoll ta` Net Television.*

*Illi s-socjeta` intimata giet interpellata thallas kemm-il darba, inkluza wkoll permezz ta` ittra legali datata 18 ta` Jannar 2011 kif ukoll permezz ta` ittra ufficjali pprezentata nhar is-16 ta` Frar 2011 illi ggib in-numru 503/2011 izda s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti.*

*Illi l-kreditu surriferit huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi li tista` tissoleva fil-konfront tieghu.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, is-socjeta` rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta` l-Artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12;*

*2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` wiehed u sittin elf, mija u tnejn u erbghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€61,142.82), liema somma tirraprezenta ammont ta` royalties u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) fuq l-istess,*

*kwantu ghal wiehed u hamsin elf, tmien mija u hmistax-il ewro u hames centezmi (€51,815.05) bhala royalties u kwantu ghal disat elef, tliet mija u sitta u ghoxrin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€9,326.87) bhala taxxa fuq il-valur mizjud, skond ir-Rendikont hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. 'B'****, liema royalties huma dovuti a tenur tal-kuntratt, ossia licenzja, hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. 'C'****, permezz ta` liema kuntratt is-socjeta` intimata giet awtorizzata mis-socjeta` rikorrenti sabiex ixxandar xogholijiet muzikali tutelati bid-drittijiet tal-awtur vestiti fl-istess socjeta` rikorrenti sew permezz ta` Radio 101 kif ukoll ta` Net Television.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 18 ta` Jannar 2011 kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta` Frar 2011, kontra s-socjeta` konvenuta illi minn issa stess hija  u r-rapprezentanti taghha qeghdin jigu ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-2 ta` Awissu 2001 fejn, wara li sabet li l-kumpannija konvenuta kienet notifikata bl-atti promotorji tal-azzjoni attrici f'terminu inferjuri ghall-hmistax-il jum li jissemma fl-Art.169 tal-Kap.12, din il-Qorti pprovdiet li l-kawza kellha tkompli tinstema` bil-procedura ordinarja mhux bil-procedura sommarja specjali, u ghalhekk akkordat lill-kumpannija konvenuta zmien ghoxrin (20) jum sabiex tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-22 ta` Awissu 2011 li taqra hekk –

*1. Illi l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta skond il-kuntratt iffirmat fid-29 ta` Novembru, 2010 (Dok. B) huwa ta` €55,086.15 u mhux €61,142.82 kif mitlub fir-*

*rikors guramentat promotur u ghalhekk is-socjeta` esponenti qed tikkontesta l-ammont ta` €6,056.67.*

*2. Illi filwaqt illi hemm qbil dwar l-ammonti dovuti ghas-snin 2008 u 2010 u ghalhekk l-ammont dwar dawn is-sentejn huwa ammess, ma hemmx qbil dwar l-ammonti dovuti ghas-snin 2009 u 2011 (mill-1 ta` Jannar sat-30 ta` Gunju 2011). Il-figuri ta` dhul mir-reklamar ghal dawn is-snin, bir-rata ta` persentaggi miftehma fil-kuntratt tad-29 ta` Novembru 2010 (Dok. B) u l-ammonti dovuti korretti jirrizultaw mill-prospett anness Dok. X. Ghalhekk filwaqt illi s-socjeta` esponenti tammetti l-ammont ta` €55,086.15, qieghda tikkontesta l-bilanc mitlub ta` €6,056.67 billi dan il-bilanc ta` €6,056.67 ma jikkonformax ma` dak miftiehem fil-kuntratt.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta u l-elenku ta` dokumenti esebiti minnha.

Rat in-nota prezentata fl-udjenza tal-lum fejn il-kumpannija attrici irriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta` hamsa u hamsin elf, sitta u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (€55,086.15).

Rat in-nota prezentata fl-udjenza tal-lum fejn il-kumpannija konvenuta ammettiet it-talba attrici kif ridotta.

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-kumpannija konvenuta tal-ammont kif ridott mill-kumpannija attrici, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` hamsa u hamsin elf sitta u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€55,086.15) liema somma tirrapprezenta ammont ta` *royalties* u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) dovuti mill-kumpannija konvenuta sabiex ixxandar xogholijiet muzikali, tutelati bid-drittijiet tal-awtur vestiti fil-**

**kumpannija attrici, sew permezz ta` Radio 101 kif ukoll ta` Net Television, bl-imghax legali b`effett mil-lum, u fit-tieni lok, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta` Jannar 2011 u dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta` Frar 2011.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------